# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
**www.mgarrlc.com**


## Seduta numru 13 tas-7 Leġislatura
## Illum il-Ħamis 20 ta' Frar 2014

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 13 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar il-Ħamis 20 ta' Frar 2014, fl-Uffiċċju Amministrattiv, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Ftuħ tal-offerti għall-Proġett tas-CCTV fuq il-Bring-In Site ta' Triq San Pawl
5. Hruġ ta' tenders oħra
6. Estimi Finanzjarji 2014
7. Proposta ta' Ftehim ta' Kooperazzjoni ma' Lagosanto fl-Italja
8. Affarijiet Mixxelanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, id-Deputat Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Elizabeth Ebejer flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-Kunsillier Mario Sammut u l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ, Elaine Vella kien skużati.

Il-laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

**1 Minuti**

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

## 2 Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 Korrispondenza dwar it-tnehdija ta' skema 'Aċċessibilita' A+'. Il-Kunsill iddiskuta jekk jistax jipparteċipa u inkariga lil Elizabeth Ebejer biex tiġbor aktar informazzjoni dwar din l-iskema.

2.4 Korrispondenza mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar is-sejħa tal-offerti għall-online streaming tal-laqgħat tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta it-talba tad-Dipartiment u fl-istess ħin ra kif kien hemm diskrepanza ta' madwar €1000 bejn iż-żewġ offerti. Se jsir kuntatt mill-ġdid mad-Dipartiment dwar dan.

2.5 Memo 4/2014 dwar għajnuna għal-Librerija Pubblika - il-Kunsill qabel li japplika għall-din l-iskema. Il-fondi mitluba jammontaw għall-€300.

## 3. Komunikazzjonijiet

3.1 Elizabeth Ebejer informat u tat- rapport dwar il-laqgħa li attendiet f' isem il-Kunsill fil-jum ta' qabel, bit-titlu 'Gvern li jisma''.

3.2 Is-sindku ippropona li il-fondi allokata tal-MEPA għall-Kunsill dwar Urban Improvement Funds (UIF) jintużaw sabiex jitwettaq il-proġett tal-bandli u post ta' rikreazzjoni f' Wesgħat il-Ġublew. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u il-perit tal-Kunsill ser ikun qed jiġi kkunttatjat sabiex jinbeda' l-proċess għall-investiment ta' dawn il-fondi fuq dan il-proġett.

3.3 Is-Sindku ressaq proposta li irċieva dwar l-attivita' Frott ir-Rebbiegħa li ser issir fit-23 ta' Marzu. Din it-talba tinkludi li tingħalaq il-pjazza għat-traffiku matul l-attivita'. Il-Kunsill staqsa għall-aktar informazzjoni mill-organizzaturi u ser tissejjaħ laqgħa magħhom.

3.4 Clayton Gauci informa li kien ser isir Youth Tournament tal-Imġarr Nursery il-Hadd 23 ta' Marzu.

3.5 Is-Sindku informa li wara li kienet saret ħsara lill-ħand-rail ta' ħdejn l-iskola wara aċċident tat-traffiku, issa din kienet ġiet irranġata u reġgħet twaħlet fil-post.

3.6 Is-Sindku informa li sakemm hu possibli, kien ser jitnaqqas drastikament l-użu tal-bexx u pestiċidi fuq il-ħaxix ħażin u minflok ser ikun qed jiġi inkorraġġit il-qtugħ tiegħu.

3.7 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien qed jipproponi li wieħed mill-kontijiet fissi mal-bank (li kien twaqqaf numru ta' snin ilu u li ma kienx għadu jintuża) kien ser jinqaleb għall-kont kurrenti sabiex ikun jista' jitħaddem. Il-Kunsill approva.

## 4. Ftuħ tal-offerti għall-Proġett tas-CCTV fuq il-Bring-In Site ta' Triq San Pawl

4.1 Il-Kunsill fetaħ l-offerti li rċieva għall-proġett tal-installazzjoni ta' CCTV fuq il-Bring In Site ta' Triq San Pawl. Il-Kunsill irċieva 6 offerti b' kollox:

- offerti ta' StereoVision Security;
- offerta ta' Firetech;
- offerta ta' G4 Security;
- offerta ta' Solar Engineering;
- offerta ta' Alberta.

4.2 Il-Kunsill ser jgħaddi dawn l-offerti lill-esperti tekniċi sabiex jitħejja rapport b' rakkomondazzjonijiet dwar l-aġġudikazzjoni ta' din l-offerta.

## 5. Ħruġ ta' tenders oħra

5.1 Il-Kunsill iddiskuta il-bżonn li jinħarġu xi tenders oħra.

5.2 Eman Vella semma li kien hemm bżonn li jinħarġu 2 sejħiet marbutin mal-Miżura 313, u li kien ser iġib aktar informazzjoni li twassal għall-din is-sejħa.

5.3 Il-Kunsill qabel ukoll li tinħareġ Expression of Interest għall-akkwist ta' kompjuters u file server għall-użu tal-istaff, kif ukoll EoI oħra għas-servizz ta' trasport.

5.4 Il-Kunsill iddiskuta proposta ta' ħruġ ta' tender għall-akkwist ta' vann. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għalissa din is-sejħa ma toħroġx.

## 6. Estimi Finanzjarji 2014

6.1 Il-Kunsill hawnhekk sejjaħ lill-Account tiegħu, is-Sur Daniel Galea, li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, ressqu l-estimi finanzjarji għas-sena 2013 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

6.2 Wara diversi mistoqsijiet tal-Kunsill, li ġew ikkjarifikati mis-Sur Galea, Il-Kunsill approva l-estimi finanzjarji għas-sena 2013.

## 7. Proposta ta' Ftehim ta' Kooperazzjoni ma' Lagosanto fl-Italja

7.1 Eman Vella informa lill-Kunsill dwar laqgħa li saret mad-Direttur tal-Gvern Lokali u is-Sur Silvio Frendo, kif ukoll fil-preżenza tas-Sindku u is-Segretarju Eżekuttiv, dwar il-proposta ta' patt ta' kooperazzjoni ma' Lagosanto fl-Italja. Matulha, id-Direttur ingħata informazzjoni dwar il-kooperazzjoni li saret ma' dan il-comune s'issa kif ukoll dwar il-proposta li l-Kunsill jidħol fi' ftehim. Il-ħsieb hu li il-Kunsill jipparteċipa fil-programm European for Citizens u jidħol fi' sħab ma' lokalitajiet oħra li jiffurmaw parti reġjun tad-Delta del Po'.

## 8. Affarijiet Mixxelanji

8.1 Elizabeth Ebejer infurmat li kienet ser titella' Children Book Awareness Day fil-Librerija Pubblika fl-okkazzjoni ta' Jum il-Ktieb fit-23 ta' April.

8.2 Elizabeth Ebejer ħabbret li kienet għamlet kuntatt mal-Ministeru tas-Saħħa biex tiġi organizzata laqgħa pubblika dwar l-importanza ta' ikel tajjeb għas-saħħa. Din ser issir fis-26 ta' Frar fl-iskola primarja. Il-Kunsill approva u bħala sapport għal din l-inizzjattiva ser ikun qed iqassam frott frisk lit-tfal.

8.3 Elizabeth Ebejer infurmat ukoll li kienet avviċinat lis-sur Glenn Farrugia dwar possibilitajiet ta' involviment tal-Kunsill fl-avvenimenti tal-Valletta18.

8.4 Is-sindku ressaq proposta li jsiru ramble-lines fi' Triq Sir Harry Luke. Il-Kunsill approva u ser ikun qed iressaq it-talba lil Transport Malta.

8.5 Is-Sindku informa li kien ser jattendi laqgħa annwali tas-Sindki.

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
www.mgarrlc.com

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fid-9:20pm u ġiet aġġornata għal-Ħamis 13 ta' Marzu 2014.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku